KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 73/2017

**17 ta' Awissu, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
James Cauci – Kunsillier
Nyah Spiteri – Kunsilliera
Ivan Agius – Viċi Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

## 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

73.1.1 Ma kienx hemm

## 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

73.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 72 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

73.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

73.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

Is-Sindku ghaddiet mozzjoni sabiex ikun hemm sospensjoni tar-regolamenti u tinbiel l-ordni tas-seduta bil-ghan illi jigi diskuss rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu April - Gunju 2017. Kien hemm votazzjoni unanima

73.17.1 Is-Sindku stiednet lis-Sur Kevin Farrugia, l-accountant tal-Kunsill Lokali sabiex jaghti spjegazzjoni tar-rapport imsemmi. Wara li s-Sur Farrugia spjega fid-dettal ir-rapport in-kwistjoni, ghadda biex iwiegeb mistoqsijiet li kienu sarulu mill-Kunsilliera prezenti.

73.17.2 Wara li irringrazzjat lis-Sur Farrugia, is-Sindku ressqet proposta sabiex ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu April – Gunju 2017 jigi approvat hekk kif propost. Is-Sa. Noyah Spiteri ssekondat il-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

## 73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

73.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienet inzammet laqgha mal-Onor. Deo Debattista li matulha kienu gew diskussi diversi materji relatati ma' rimi ta' skart abuzivament u sistemi ta' tindif fil-lokalita'.

73.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet zammet laqgha ma' rapprezentanti tal-Kurja li matulha kienet iddiskutiet art li kienet tinstab wara l-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali u eventwali uzu li seta' isir minnha mill-istess Kunsill Lokali

73.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet evalwat kuntratt li kien sar fis-snin imghoddija ma' Grand Harbour Marina u Cospicua Boating Group u fid-

dawl ta' dubbji li kien hemm rigward il-validita' tal-kuntratt, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qiegħed jieħu parir legali dwar il-materja.

73.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kien sar appell għad-deċizjoni tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' sejħa għall-offerti numru KLBO01/2017, il-Kunsill Lokali kien ġie infurmat bid-data tas-smigħ tal-kaz.

73.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi il-Kunsill Lokali ma setax japplika sabiex permezz ta' skema mħabbra mis-Segretarjat parlamentari għall-Gvern Lokali isir restaw ta' post storiku. Dan peress illi skond il-linji gwida tal-istess sejħa, il-lokalita' kienet ineliġibbli peress li kienet kisbet finanzjament permezz tal-istess skema fis-snin imgħoddija

73.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' proġett mid-Dipartiment tad-Djar rigward bini ta' blokok ġodda ta' appartamenti kienet inżammet laqgħa mal-Onor. Roderick Galdes u sussegwentement kienet inżammet konferenza għall-istampa li matulha ġie pprezentat abbozz tal-proġett propost.

73.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi żviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' inizjativa ta' infurzar li kienet qiegħda tiġi ppjanata. Is-Sa. Zerafa Civelli saħqet illi wara li kien instabu diffikulta' ma' LESA, il-Kunsill Lokali kien ikkonkluda ftehim mal-Cleansing Services Directorate (CSD) sabiex isir infurzar permezz ta' pulizija tal-ALE.

73.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'attivita' li kienet ser tittella' nhar is-Sibt 16 ta' Awissu 2017 ġewwa l-każin tal-banda

## 73.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

73.4.1 Ma kienx hemm.

## 73.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet

73.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' ħlasijiet (Skeda nru8/17) għall-approvazzjoni.

73.5.2 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

72.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash maħruġ matul

ix-xahar ta' Lulju 2017 ghall-approvazzjoni.

72.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 73.6 Sejhiet ghall-Offerti

73.6.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' dokument ghal sejha ghall-offerti dwar ix-xiri ta' vettura kummercjali. Wara li gie evalwat id-dokument, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi ghandha tinhareg sejha ghall-offerti bbazata fuq id-dokument abbozzat. L-ufficjali relatati mas-sejha ghall-offerti kellhom ikunu s-segwenti:

- Duncan Hall (Tender Co-ordinator)
- Brian Loffreda ( Opening Staff)
- Ramona Gatt (Opening Staff)
- Pablo Cachia Belli ( Evaluator)
- James Cauchi (Evaluator)
- Lydon Vella (Evaluator)
- Alison Zerafa Civelli (ESR)

73.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien wasal biex jaghlaq kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mal-Perit William Lewis minghajr il-possibilita' ta' estensjoni. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghall-offerti ghas-servizzi ta' perit.

73.6.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif imsemmi aktar kmieni nhar id-29 t'Awissu 2017, kien ser ikun qieghed jinstema' appell li kien sar b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghal servizzi ta' knis ta' toroq fil-lokalita'.

## 73.7 Xogholijiet fl-Ufficcju Amministrattiv

73.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'diffikultajiet li kien qieghed jiltaqa' maghhom il-Kunsill Lokali fis-sistemi ta' telefonija u networking. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kien irrizulta illi minhabba li matul is-snin kienu gew mghoddija diversi sistemi u ma kienx sar l-ippjanar mehtieg, ma kienx possibbli illi jsiru xogholijiet fuq is-sistemi ezistenti sabiex jissewwew is-servizzi. Ghaldaqstant, flimkien mal-amministrazzjoni kienet hadet hsieb illi jingabru stimi tax-xogholijiet mehtiega sabiex jigu mghoddija sistema (*inkluz wiring*) ta' telefonija u network mill-gdid. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi x-xoghol kien

ser ikun qieghed isir b'tali mod illi kemm il-darba ikun hemm diffikultajiet tkun tista' ssir it-tiswija mehtiega ghaliex kien ser ikun qieghed jigi mghoddi l-wiring kollu fi trunking. Wara li inghataw dettalji tax-xogholijiet, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-Kunsill Lokali ghandu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku.
Is-Sa. Zerafa Civelli qalet illi kienu ingabru wkoll stimi sabiex isir xoghol fuq il-binja tal-Kunsill Lokali. Fir-rigward, sabiex tittaffa' problema ta' umdita', kienu ingabru stimi ghal xoghol ta' qoxra tal-franka (ghall-hitan) u suffett (gypsium) ghall-ufficcju tas-Sindku, flimkien ma' madum ghall-istess ufficcju flimkien mas-Sala tal-Kunsil Lokali. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel xogholijiet ta' suffett minghand Neil Said & Josef Muscat u jixtri qoxra (tal-franka) minghand Rotin Fires Malta skont l-istimi pprovduti. Kellhom jinkisbu samples u aktar stimi ghall-madum.

## 73.8 Grawnds Peppi Delceppo

73.8.1 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali pjanti bi proposti ghall-izvilupp ta' grawnds Peppi Delceppo. Wara li l-Kunsill Lokali ddiskuta u ghazel disinn li kellu jimxi fuqu, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha ssir laqgha mal-perit tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi jitmexxa l-process ta' stimi tax-xogholijiet halli fis-seduta segwenti tkun tista' tittiehed decizjoni dwar il-materja.

## 73.9 Competition and Award for Permanent Sustainable Mobility Measures

73.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet giet varata kompetizzjoni ghal mizuri ta' zvilupp sostennibli permanenti. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet ikkonsultat mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet iddiskutiet mal-Kunsilli Lokali tal-Kottonera l-possibilita' illi tigi sottomessa applikazzjoni kongunta bejn l-erba' Kunsilli Lokali li kienu jifformaw parti mill-Kottonera. Il-hsieb kien illi tigi sottomessa applikazzjoni ghal installazzjoni ta' roti elettici. Is-Sa. Zerafa Civelli qalet illi l-Kunsilli Lokali kienu qablu fil-principju u l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tahdem fuq il-gbir ta' stimi u mili tal-applikazzjoni rispettiva kemm il-darba l-Kunsill Lokali jaqbel

73.9.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-proposta tas-Sindku kienet valida u kemm il-darba ikun possibbli kellu jsir ix-xoghol mehtieg sabiex l-ideja timmaterjalizza.

## 73.10 Pozizzjoni ta' ufficjal ezekuttiv

73.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul kien inkiseb permess sabiex tinholoq pozizzjoni ta' ufficjal ezekuttiv. Sussegwentement kienet inharget sejha interna li ghaliha kien hemm applikazzjoni wahda. Wara li l-bord appuntat

mill-Kunsill Lokali kkonferma l-validita' tal-applikazzjoni, kienet inzammet intervista lis-Sur Lydon Vella. Is-Sa. Zerafa Civelli qalet illi l-bord kien irrakkomanda illi s-Sur Lydon Vella, impjegat mal-Kunsill Lokali ta' Bormla bhala skrivan jinhatar ufficjal ezekuttiv fi hdan l-istess Kunsill Lokali.

73.10.2 Is-Sindku ressqet proposta sabiex il-Kunsill Lokali jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord mahtur mill-Kunsill Lokali . Is-Sur Pablo Cachia Belli ssekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti. Gei stabbilit illi l-hatra kellha tkun effettiva mill-1 ta' Settembru 2017.

## 73.11 Servizz ta' transport intern bil-vettura tal-elettriku

73.11.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem sabiex fl-iqsar zmien possibbli ikun varat servizz ta' transport fil-lokalita' permezz ta' vetturi elettrici li kellu l-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kienet giet installata sistema ta' GPS ghall-istess vetturi flimkien ma' sistema ta' UHF radios fil-vetturi nfushom u l-ufficcju tal-Kunsill Lokali. Hija ziedet tghid illi kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar min seta' jaghmel uzu mis-servizz ta' transport u flimkien mal-metodu ta' kif kellha tithaddem is-sistema.

73.11.02 Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi inizjalement is-servizz kellu jkun immirat ghall-anzjani. Galadarba jirrizulta li ma jkunx hemm problemi, il-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilita' illi l-istess servizz jigi estiz ghal setturi ohra tal-komunita'. Kien hemm qbil ukoll illi kellu jkun hemm kuntatt ma' Transport Malta bil-ghan illi jinkisbu eventwali awtorizzazzjonijiet li setghu kienu mehtiega b'konnessjoni ma' tabelli relatati mal-istess servizz.

## 73.12 Immaniggjar tal-Iskart

73.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif imsemmi aktar kmieni waqt l-istess seduta l-Kunsill Lokali kien ha hsieb jikkordina sabiex mill-21 ta' Awissu 2017, fil-lokalita' isir infurzar permezz ta' pulizija. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-ispiza relatata mal-inizjativa kienet ser tkun ta' €20 ghal kull siegha.

73.12.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif imsemmi aktar kmieni waqt l-istess seduta, waqt laqgha li l-KunsilL Lokali kellu mal-Onor. Deo Debattista, kienu gew diskussi problemi li kien hemm fil-lokalita' b'mod partikolari rigward nuqqas ta' indafa u eventwali ghajnuna mill-Gvern Centrali sabiex joghla l-livell ta' ndafa fil-lokalita'.

## 73.13 Attivitajiet

73.13.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul f'seduti procedenti, il-Kunsill Lokali kien irnexxielu jissottometti applikazzjoni ghall-fond ta' attivitajiet kulturali mniehdi mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali. Fir-rigward, is-Sindku rringrazzjat lis-Sinjuri Roderick Mamo, Pierre Bugeja u Joseph Galea talli hadmu sabiex tigi mfassla proposta ta' attivita' b'idejat originali u krejattivi.
Is-Sa. Zerafa Civelli kkonkludiet billi sahqet illi kemm il-darba l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tigi milqugha u jigu vvotati fondi ghall-attivita' proposta kienu ser jinbdew il-preparamenti mehtiega sabiex l-ideja tkun tista' timmaterjalizza.

## 73.14 Jum Bormla 2017

73.14.1 Is-Sindku qalet illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet hadmet sabiex jinholqu sett ta' regolamenti li kellhom jigu applikati ghal Gieh Bormla bil-ghan illi jkun hemm procedura stabbilita' ta kif jigu individwati u maghzula l-individwi li jinghataw ir-rikonoxximent. Wara li inqraw id-dettalji tal-proceduri msemmija, flimkien mal-linji gwida u applikazzjoni rispettiva, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi dawn kellhom jigu applikati b'effett immedjat. Gie deciz ukoll illi bord imsemmi fil-linji gwida ghall evalwazzjoni tan-nomini ghal Gieh Bormla kellu jkun kompost minn rapprezentanti mahtura mill-Kunsilli Lokali tal-Birgu, Isla, Kalkara, Fgura u Rahal Gdid.

73.14.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet iltaqghet mal-arcipriet bil-ghan illi jigi diskuss programm ta' attivitajiet ghal Jum Bormla 2017 li kien ser jahbat il-Hadd. Wara li inqara abbozz ta' programm, liema abbozz gie diskuss mill-Kunsill Lokali kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kellu jkun hemm ebda modifiki ghall-proposta.

## 73.15 Milied 2017

73.15.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi peress li l-Kunsill Lokali kien issottometta applikazzjoni differenti minn dik tas-snin precedenti ghall-fond dwar attivitajiet kulturali, ma kienx ser ikun possibbli li jinkiseb finanzjament mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali sabiex fl-2017 hekk kif sehh fil-passat tittella' l-attivita' *Christmas by the Dock*. Ghaldaqstant kien hemm il-htiega illi l-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar eventwali attivitajiet u inizjativi li kellhom jigu organizzati f'Dicembru 2017.

73.15.2 Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellhom isiru l-preparamenti mehtiega sabiex matul Dicembru 2017, jigi mwahhal dawl dekorattiv sabiex tinholoq atmosfera ghal zmien il-Milied. Fl-istess waqt il-Kunsillier Roderick Mamo, flimkien mas-Sinjuri Joseph Galea u Pierre Bugeja kellhom jahdmu fuq proposta ta' attivita'.

## 73.16 Mozzjonijiet

73.16.1 Mozzjoni numru10/2017 (VII)
*Peress li gew installati bozoz godda minn Enemalta f'San Gwann t'Ghuxa, qed nipproponi li naghmlu shifting tal-bozza mmarkata.*

Proponent : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : Pablo Cachia Belli

Il-mozzjoni ghaddet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

73.16.2 Mozzjoni numru09/2017 (VII)
*Fuq talba minn residenti, qed nipproponi li l-Kunsill Lokali jinstalla bozza gdida quddiem Blk6A., Triq Cetta Mintoff, San Gwann t'Ghuxa.*

Proponent : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : Noyah Spiteri

Il-mozzjoni ghaddet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

## 73.17 Rapporti

73.17.3 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:
- Gie deciz illi kemm il-darba jkun possibbli l-Kunsill Lokali japplika sabiex permezz ta' Cirkulari 22/2017 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fil-librerija pubblika tal-lokalita'.
- Kellha tintbaghat korrispondenza li l-Kunsill Lokali rcieva minghand l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali (Cirk47/2017) rigward gbir u immaniggjar ta' skart.
- Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha titnaqqas parti mill-allowance li kienet tinghata lil kull Kunsillier bil-ghan illi tinghata lill-Malta Community Chest Fund.

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-ammont ta' fondi disponibbli permezz tal-iskema Urban Improvemenet Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar kien jammonta ghal €63 431.36.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsiliera prezenti illi kellha ssir laqgha mal-iskemi awtorizzati bil-ghan illi jigi diskuss il-kontenut ta' cirkulari18/2017 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, liema cirkulari kienet tikkoncerna l-gbir ta' skart elettroniku (WEEE).
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba tas-Sur Richard Powell sabiex titwahhal plakka fi Triq il-Kuncizzjoni.
- Il-Kunsill Lokali iddecieda illi jilqa' talbiet ghal U-Channels li kienu sarulu. It-talbiet kienu ghal Truq l-Oratorju u Triq il-Madonna tal-Grazzja.
- Kien hemm qbil unanimu illi tintleqa' talba ghal traffic calmer bejn Pjazza Santa Margerita u Gnien Santa Margerita.
-Kellha tintbaghat permezz ta' e-mail lill-Kunsilliera kollha korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali, liema korrispondenza kienet tittratta domument proposti dwar swieq fil-berah u mwejjed u siggijiet mahruga mill-istabbilimenti kummercjali.
-Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali (Cirk20/2017), liema korrispondenza kienet tikkoncerna l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur mizjud (VAT).
-Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellui jibghat risposta lill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali rigward proposti dwar distribuzzjoni ta' haddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali/Regjuni.

73.17.2 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport dwar tabelli u sinjali tat-traffiku li kienu jintiegu manutezjoni jew bidla. Wara li gie evalwat ir-rapport li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti ( DOK ), bi qbil unanimu gie deciz illi kellha ssir ordni ghax-xogholijiet.

## 73.18 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss

73.18.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fid-9:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 14 ta' Settembru 2017 fis-6:30p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Settembru, 2017

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |